KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

2 ta' Jannar 2013

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet **nhar il-Hadd 30 ta Dicembru 2012 fit-3.30pm.** L-agenda ghal din il-laqgha kienet din :-

1. Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta` Lejliet l-Ewwel tas-Sena.

Ghal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **s-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili u il-Kunsillier Anthony Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores.**

**Il-Kunsillier Vincent Borg ma setax ikun prezenti ghal-laqgha.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

**1. Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta` Lejliet l-Ewwel tas-Sena.**

Is-Sindku Nigel Holland talab fetah il-materja ghad-diskussjoni. Il-Vici Sindku Matthew Paris irrimarka li sal-llum, gurnata qabel l-attivita`, Justin Attard kien ghadu ma bediex jarma. Wara li ghamel ricerka u hafna tentattivi, irrizulta lil minn dak miftiehem, kien hemm ammont konsiderevoli ta` problemi, pimarjament iduru ma` hlasijiet ta depositu li kienu ghadom ma sarux minn naha ta` l-organizzatur Justin Attard lil kuntratturi. Ghal din ir-raguni, il-kuntratturi issa qeghdin jirrifjutaw li jarmaw u jippartecipaw ghall-Attivita`.

Il-Vici Sindku Matthew Paris irrimarka li apparti il-fatt, li il-Kunsill ghandu jiehu azzjoni legali, il-Kunsill irid jiehu decizjoni jekk l-attivita hux ser issir xorta (jiehu hsieba il-Kunsill) jew inkella li ma ssirx. Jekk l-attivita issir mill-Kunsill, din ghanda tibqa fl-istess parametri, li il-Kunsill ma johrog xejn, din id-darba permezz tal-ghajnuna tal-Gvern Centrali, kif ukoll bl-ammont ta` il-kumpens li jsir dovut minn Justin Attard. Il-Vici Sindku

Matthew Paris zied jghid ukoll li ser ikun hemm xi fondi dehlin mill-bars, u mill-Kids Areas.

Il-Kunsillera Davina Sammut Hili irrimarkat li f'dan l-istadju, il-Kunsill ghandu jorganizza xotra l-attivita`, anke jekk ikun hemm bzonn johorgu xi fondi. Il-Kunsillier Vince Borg qabel. Is-Sindku Nigel Holland, irrimarka li l-ewwel pero`, il-Kunsill ghandu jipprova jhalli lil-Organizzatur isolvi id-diffikultajiet.

**<u>Justin Attard gie mitlub jinghaqad mal-mejda</u>**

Is-Sindku Nigel Holland saqsih jekk kienx kapaci jwettaq din l-attivita. Justin Attard irrimmarka li din hija biss problema zghira li hu jemmen li fi zmien tletin (30) minuta ser tissolva. Huwa irrimakra li in-nuqqas ta ftehim sar minhabba hlasijiet dovuti.

Justin Attard gie mitlub jaghti lista tal-kuntatti u running order, fejn hu irrimarka, li m'ghandux fuqu, izda jista jibaghta mid-dar. Ta` indikazzjoni verbali hafifa ta x'kuntatti saru, verbalment.

Is-Sindku Nigel Holland wissieh li jekk ma ssirx l-attivita, din ser ikolla reperkussjonijiet kbar, minhabba li hija attivita Nazzjonali, li ghaliha iga gie investit ammont sostanzjali ta flus ghal-promozzjoni. Dan ifisser li l-Kunsill ser ikun qed jiehu il-passi legali kollha necessarji fil-konfront ta Justin Attard.

Il-Kunsill qabel li jghati nofs siegha cans lil Justin Attard sabiex isolvi il-problemi kollha. F'kaz li dan ma jsirx, jiehu l-materja f'idejh il-Kunsill

**<u>Justin Attard gie skuzat.</u>**

Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel il-kuntatti kollha necessarji sabiex titella din l-attivita, u jekk fi zmien 30 minuta ma jkollux risposta minghand Justin Attard, jibda l-organizzazzjoni minnufih.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv